MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 48/1997/1

Pierre Bugeja .

vs

Victor Hili,
Road Construction Company Limited .

Il-Qorti ,

PRELIMINARI

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li jippremetta :

Illi fil-15 ta' Ottubru 1996 għal ħabta ta' 12.15 a.m., l-attur Pierre Bugeja kien qiegħed isuq karrozza tat-tip Seat Ibiza numru ta' reġistrazzjoni KAA 325 f'Mgarr Road, kantuniera ma' Garden Street, Għajnsielem, Għawdex bi speed moderat u bid-diliġenza kollha minnu rikjesta mill-liġi ;

Illi l-konvenuti jew min minnhom waqt xogħlijiet ta' kostruzzjoni li kienu qegħdin jagħmlu fi Triq Mgarr, Għajnsielem, Għawdex poġġew żewġ "barriers" f'nofs tat-triq tal-Mgarr, Għajnsielem, Għawdex, mingħajr ebda dawl u sinjali oħra adegwati u suffiċjenti bir-riżultat li l-attur baqa' dieħel fl-istess barriers u sofra danni nġenti fil-vettura tiegħu hawn fuq imsemmija li ġiet dikjarata bħala li hija "total loss" ;
Illi għalhekk l-istess inċident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi ġara unikament tort u ħtija tal-istess konvenuti jew min minnhom .

Talab lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara illi l-inċident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi ġara unikament tort u ħtija tal-istess konvenuti jew min minnhom ;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti, kaġunati mill-konvenuti jew min minnhom, liema danni jikkonsistu fil-ħsarat fil-vettura hawn fuq imsemmija (KAA 325) li ġiet dikjarata "total loss" ;

3. Tikkundanna lill-istess konvenuti jew lil min minnhom li jħallsu lill-attur dik is-somma li tiġi hekk likwidata in linea ta' danni .

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-30 ta' Jannar 1997 u bl-inġunzjoni tal-istess konvenuti għas-subizzjoni li minn issa huma mħarrka . Bl-imgħaxijiet skond il-liġi .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur debitament maħlufa minnu .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi :

1. Illi fl-ewwel lok il-konvenut Victor Hili għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju in kwantu huwa la poġġa u lanqas kien responsabbli għat-tqegħid tal-*barriers* imsemmija fiċ-ċitazzjoni .

2. Illi l-inċident de quo ġara unikament minħabba traskuraġni grassa u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-attur fis-sewqan tiegħu .

3. Illi fi kwalunkwe każ u ċertament mingħajr preġudizzju għall-premess il-kumpanija Road Construction Company Limited li kienet inkarigata mix-xogħlijiet imsemmija kienet qed tesegwihom permezz ta' nies tas-sengħa u taħt is-superviżjoni ta' persuni kompetenti u għal hekk ma tista' qatt tkun obbligata twieġeb għall-aġir ta' terzi .

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti maħlufa minn Victor Hili .

Rat il-verbal tagħha ta' l-14 ta' Marzu 2006 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti w affidavits esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi din hija kawża għad-danni magħmula mill-attur in segwitu għal inċident stradali li fih il-karozza tiegħu ġarrbet ħsarat estensivi per konsegwenza ta' kollizzjoni ma' *barriers* li kienu tpoġġew fit-triq biex jindikaw li kienet magħluqa . L-azzjoni esperita hi għalhekk dik bażata fuq il-Lex Aquilia,[1] li bażi tagħha jista' jkun id-delitt, f'każ ta' *dolo,* jew il-kważi delitt, f'każ ta' c*olpa*, kif jippretendu li hu l-każ preżenti l-atturi[2] .

Il-**Giorgi** jgħallem f'dan ir-rigward :

---

[1] 44 Dig. Del leg. aquil. IX, 2 .
[2] art.1033 Kap.16 .

"*E' detta colpa in senso generale della nostra scienza qualunque violazione di un obbligo giuridico; anche la violazione dolosa . In senso piu' ristretto la parola colpa esclude il dolo, e significa volontaria omissione di diligenza, per cui non prevediamo le conseguenze illecite di una commissione od ommissione, e violiamo senza avvedercene un nostro dovere giuridico . Pero', si dice, che l'inadempimento dell'obbligazione dipende da colpa, quando sebbene la causa dell' inadempimento sia stata l'opera del debitore medesimo, costui non ne abbia avuta la coscienza, e solo abbia mancato di quella diligenza, che egli era tenuto di usare*."[3]

FATTI

L-inċident mertu tal-kawża ġara fi Triq l-Imġarr, Għajnsielem, Għawdex, fil-15 ta' Ottubru 1996 għal xi 12.15 a.m. Dak il-ħin kienet qed tagħmel ix-xita u kien ukoll riħ qawwi[4] . Dik il-parti tat-triq fejn seħħ l-inċident kienet magħluqa għat-traffiku, billi kienu qed isiru xogħlijiet ta' *resurfacing* tagħha . Infatti kienet imqaxxra biex eventwalment tingħata t-*tarmac .* Kien hemm żewġ *barriers* biex jindikaw illi ma kienx hemm aċċess minn dik il-parti tat-triq u munzel terrapien warajhom . Ftit iktar 'l isfel kien hemm ukoll l-inġenji tal-kuntrattur li kien qed jesegwixxi x-xogħol . Ġara illi waqt li l-attur kien qed isuq il-karozza tiegħu tat-tip Seat Ibiza, proprjeta' tiegħu, laqat dawn il-*barriers* u t-terrapien ta' warajhom, bir-riżultat li l-karozza nqalbet u baqgħet dieħla fil-ħajt tal-faċċata tad-dar li hemm fil-Y *junction* li tgħaqqad Mġarr Road ma' Garden Street[5] . B'konsegwenza ta' dan, il-karozza ta' l-attur ġarrbet ħsarat kbar u spiċċat *beyond economic repair*[6] *.*

PROVI DWAR L-INĊIDENT

---

[3] Teoria delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italinao ed. 1903 vol. II. # 18 p .32 - 33 .
[4] ara xhieda tas-surgent John Saliba a fol. 41 - 42 tal-process .
[5] ara skizz esebit a fol. 6 tal-proċess u rough sketch tiegħu esebit mis-surgent John Saliba bħala Dok. JS a fol. 61 .
ara rapport tas-surveyor Carmel Attard esebit bħala Dok. C maċ-ċitazzjoni u ritratti Dokti. D, E, F, G, H, I, u J a fol. 10 – 13 .

**L-attur** qal illi kien nieżel bil-karozza tiegħu fi Triq l-Imġarr mid-direzzjoni tar-Rabat, biex jirritorna d-dar f'Għajnsielem fejn kien joqgħod . Kien għaddej b'xi 50/55 k.f.s. Minħabba nuqqas ta' dwal u *signs* ma laħaqx induna bil-*barriers* li kien hemm fit-triq fil-ħin u baqa' dieħel fihom . In kontro-eżami qal li l-inċident ġara għal xi nofs il-lejl u għaxra (00.10a.m.) . Kien ħareġ mid-dar għall-ħabta tal-11.30 p.m., tela' r-Rabat, niżel sax-Xlendi u reġa' lura . Il-viżwali f'dik il-parti ta' Mġarr Road, għal min ikun ġej mid-direzzjoni tar-Rabat hija ta' madwar 15 il-metru . Id-dwal tat-triq kienu mixgħulin . Dak il-ħin kienet nieżla x-xita . Induna bil-*barriers* x'ħin kien qisu 15 il-pied imbiegħed minnhom, u għalkemm applika l-*brakes,* ma rnexxielux iżomm il-karozza[7] .

**Is-surgent John Saliba** li rrediġa l-iskizz u l-okkorrenza relattiva għal dan l-inċident, qal illi l-Pulizija kienet fuq il-post ftit wara li seħħ dan l-inċident, li ġie nfurmat lilha permezz ta' telefonata anonima . Sab lill-attur għadu ħiereġ mill-karozza tiegħu, li kienet maqluba u maħbuta mal-ħajt tad-dar fil-ġemb tat-triq . Din kienet imxarrba bix-xita u r-riħ kien qawwi ħafna. Id-dawl tat-triq kien mixgħul . Kien hemm fanal fl-art u ieħor mal-*barrier* . Pero' l-ebda wieħed minnhom ma kien jixgħel . Ma kien hemm l-ebda sinjali oħra iżjed 'l fuq fit-triq biex jindikaw li kien hemm ix-xogħlijiet għaddejja . Mal-*barrier* kien hemm gozz mhux għoli ta' terrapien tat-*tarmac* . *A tempo vergine* Bugeja qallu li "*kien nieżel lejn Għajnsielem b'veloċita' moderata u l-barrier li magħha ma kienx hemm fanal jixgħel jew dawl, ma rahiex u dan baqa' dieħel ġo l-barrier u ħabat mal-faċċata tal-fond numru 11, Triq l-Imgarr, Għajnsielem, fejn kien imdawwar bil-barrier tal-hadid u baqa' diehel mal-ħajt tal-faċċata ta' l-istess fond … dak il-ħin kien ftit aljenat u sab il-barrier ma' wiċċu f'daqqa waħda u ma setax jevitahom".*[8]

**Victor Hili,** spjega illi l-kumpanijia Road Construction Company Limited, li tagħha huwa direttur, daħlet f'appalt

[7] ara depożizzjoni ta' l-attur a fol. 21 - 29 tal-process .
[8] a fol 42 tal-process .

mal-Gvern sabiex titranġa parti minn Triq l-Imgarr, proprju fejn seħħ l-inċident in kwistjoni . Lejliet, kienu damu fuq il-post sas-7.00 p.m. . Kellhom ukoll surġent tal-Pulizija magħhom . Qabel telqu aċċertaw ruħhom li jpoġġu l-*barriers* bil-fanali magħhom sabiex jassikuraw li jkun hemm sinjali ċari li kienu qed isiru xogħlijiet fis-sit . It-traffiku kien qed jiġi dirett lejn Garden Street . Kellhom żewġ *barriers :* wieħed iżjed 'l fuq fit-triq, qrib ir-restaurant "Da Atzori", b'fanal miegħu u b'tabella bil-kliem "*caution*" biex jindika li kien hemm ix-xogħlijiet ftit metri 'l isfel; u ieħor fil-bidu tat-triq fuq ix-xellug tagħha u fejn tiġi biswit il-bidu ta' Garden Street . Magħha kienu waħħlu żewġ fanali u warajha poġġew xi terrapien biex iservi ta' rinforz għaliha[9] .

**Anthony Fenech** li joqghod Għajnsielem, kien għadu kemm għadda mill-istess triq xi nofs siegħa qabel seħħ l-inċident . Huwa kkonferma illi dak il-ħin ma kienx hemm "l-*ebda sinjal tad-dawl biex juri u jagħti avviż lil min ikun nieżel lejn l-Mgarr li fit-triq kien hemm dan il-perikolu*." [10]

**Michelangelo Ciantar**, li għandu razzett fl-inħawi ta' fejn seħħ l-incident, stqarr għall-kuntarju illi : "*dakinhar stess li ġara l-inċident rajt li kien hemm il-barrier f'postu bħas-soltu u li kien hemm il-fanali fuqha jixgħelu . Dawn rajthom l-aħħar darba li mort ir-razzett dakinhar għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħaxija x'ħin kien diġa' d-dlam . Barra minn hekk niftakar li t-triq kienet mixgħula . Hemm bozza kbira tat-triq li tinsab eżattament fuq ir-razzett*." [11]

RESPONSABILITA'

Ġew imħarrka żewġ konvenuti f'din il-kawża u għalhekk ikun opportun f'dan l-istadju li jiġi stabilit jekk dawn jew xi ħadd minnhom għandux xi responsabilita' għal dak li ġara .

---

[9] ara affidavit tieghu a fol. 100 – 102 .
[10] ara affidavit tieghu a fol. 80 .
[11] ara affidavit tiegħu a fol. 118 .

1. Ġie mħarrek **Victor Hili** fil-kapaċita' personali tiegħu . Kif ġia rajna rriżulta illi l-kuntratt ta' appalt għar-*resurfacing* tat-triq ingħata lis-soċjeta' Road Construction Company Limited u x-xogħol kien qed isir minn ħaddiema nkarigati minnha . Huwa minnu illi Victor Hili huwa direttur ta' din il-kumpanija, imma personalment ma jidher illi kellu xejn x'jaqsam ma' dan ix-xogħol . Kif tajjeb qalu l-konvenuti fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħhom : "*Id-diretturi tal-kumpanija ma jistgħu jiġu qatt ritenuti personalment responsabbli għal dak li tagħmel il-kumpanija*" . Għalhekk ma ssib ebda ħtija f'dan l-individwu li ġie imħarrek inutilment .

2. Ġiet imħarrka wkoll is-soċjeta' **Road Construction Company Limited .** Ix-xogħlijiet fit-triq fejn seħħ dan l-inċident kienu qed isiru minnha, wara li rebħet kuntratt ta' appalt mill-allura Segretarjat għal Għawdex . Fin-Nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħha, apparti li titfa' l-ħtija kollha għall-akkadut fuq l-attur stess, tikkontendi wkoll illi x-xogħlijiet f'dik it-triq kienu qed jitwettqu minn nies kompetenti inkarigati minnha, u għalhekk ma kellhiex twieġeb għall-aġir ta' terzi . Is-soċjeta' konvenuta isostni għalhekk illi ġialadarba hija inkarigat nies kompetenti biex jagħmlu dan ix-xogħol, u ma ġiet ippruvata ebda *culpa in eligendo,* ma kellux japplika l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili li jittratta l-*vicarious liability* ta' *employer* għall-għemil ta' l-impjegati nkompetenti tiegħu . Allura *se mai* l-attur kellu jħarrek lil dawn l-impjegati u mhux lilha . Imma apparti l-fatt illi ma rriżultax min minn dawn l-impjegati tal-kumpanija suppost kellu l-inkarigu speċifiku sabiex jara illi jitqegħdu s-sinjali f'posthom biex jindikaw li kien hemm il-perikolu fit-triq, jidher illi kif sewwa jgħid l-attur fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tiegħu l-ġurispurdenza l-iktar reċenti hija fis-sens illi "*ebda sid kemm jekk privat kif ukoll Gvern ma jista' jeħles mir-reponsabilita' billi jgħid li hu qabbad in-nies biex jaraw li jiġi evitat inċident*". [12] Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan għandu jgħodd iktar meta l-*employer* mhux persuna fiżika, bħal ma għandna fil-każ in eżami . Fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħhom imbagħad il-konvenuti

[12] Prim'Awla : Michael Balzan vs Lawrence Ciantar noe.et" : 6.12.02 u s-sentenzi hemm citati .

jikkontendu wkoll illi ġialadarba t-triq fejn kienu qed isiru dawn ix-xogħlijiet kienet responsabilta' tal-gvern ċentrali, kien dover tiegħu illi jara illi ma jkunx hemm perikoli fit-triq, sakemm kienu qed jitwettqu dawn ix-xogħlijiet . Huwa minnu illi entita' pubblika li tkun qabbdet kuntrattur sabiex jagħmel xi xogħlijiet fi triq li taqa' taħt l-amministrazzjoni tagħha ma tistax taħrab mir-responsabilita' li tiżgura l-inkolumita' ta' l-utenti ta' dik it-triq, għax kif ingħad :

"*When a person employs a contractor to do work in a place where the public are in the habit of passing, which work will, unless precautions are taken, cause damage to the public, an obligation is thrown upon the person who orders the work to be done to see that the necessary precautions are taken and that,if the necessary precautions are not taken, he cannot escape liability by seeking to throw the blame on the contractor*." [13]

Imma fil-każ in eżami l-konvenuti ma ressqu ebda eċċezzjoni f'dan is-sens u lanqas qatt ma talbu l-kjamata fil-kawża tal-gvern jew tad-Dipartiment responsabbli mit-toroq . Ma tistax għalhekk is-soċjeta' konvenuta taħrab mir-responsabilita' tagħha, sempliċement għax kienet appaltatur f'dan ix-xogħol . Infatti nsibu l-Qorti tal-Cassazione fl-Italja tidddeċidi illi:

"*Chiunque opera a contatto della collettivita' deve adottare ogni possibile cautela al fine di evitare che il suo operato determini danno agli altri . Un appaltatore pertanto, che espliti lavori sulla strada, ha l'obblogo di accertarsi, prima dell'inizio dei suoi lavori, che l'Ente cui compete la manutenzione della strada abbia apposto le segnalazioni idonee ad avvertire i cittadini della preclusione al traffico su di essa durante il corso dei lavori,e nel caso che detto Ente non l'abbia fatto, ha l'autonomo dovere di provvedere in proprio alle segnalazioni non attuate dall'Ente.*" [14]

---

[13] Charelsworth : On Negligence (2-304) fejn jigi kkwotat Lord Justice A.L. Smith .

[14] Cass. Civ. 6.8.65 ; kif riprodott minn Roberto Rovelli : "Responsabilta" Civili e Penali per gli Incidenti delle Strade. .

Huwa minnu illi jirriżulta mill-provi illi s-soċjeta' konvenuta ħadet xi prekawzjonijiet sabiex tavża illi t-triq kienet magħluqa, u dan billi poġġiet żewġ *barriers* bid-dwal imdendlin magħhom, għamlet xi senjalazzjoni ftit 'l fuq minn fejn kienu qed jitwettqu dawn ix-xogħlijiet, u waqt ix-xogħol kien ikun hemm ukoll pulizija jiggwida t-traffiku . Imma dan kollu ma kienx biżżejjed biex jirrendi t-triq *safe* anke bil-lejl . Infatti rriżulta illi, għal xi raġuni jew oħra, dak il-ħin ta' l-inċident dawn il-fanali ma kienux mixgħulin, għalkemm kienu għadhom mixgħulin ftit sigħat qabel . Hekk ukoll il-*barrier* li kien tpoġġa ftit 'l fuq, bħala pre-avviż għad-devjazzjoni tat-traffiku, jidher illi lanqas kien għadu f'postu . Dan kollu ġie konfermat mis-surġent Saliba li kien minn ta' l-ewwel li mar fuq il-post wara l-inċident . Kif insibu fid-ġurisprudenza ngliża f'dan ir-rigward : "*Failure to provide a sufficient number of night-watchmen to guard roads under repair, so as to prevent the extinguishing or stealing of warning lights which were marking out the roadwork's danger area, amounts to negligence*." [15] Hekk ukoll ingħad mill-qrati tagħna illi : "*Mhux biżżejjed li wieħed iqiegħed is-senjalazzjoni mingħajr ma jieħu ħsieb li* din qed tinżamm fejn għandha tinżamm biex ikun ta' avviż għat-traffiku." [16] Jirriżulta għalhekk illi s-soċjeta konvenuta naqset mill-obbligu tagħha illi tassikura illi matul iż-żmien kollu illi kienet qed twettaq ix-xogħlijiet tagħha f'din it-triq, kien hemm senjalazzjoni adegwata biex tavża lill-utenti ta' l-istess triq bil-perikolu fl-inhawi . Dan kellu jsir mhux biss matul il-jum, imma iktar u iktar matul il-lejl meta l-viżibilita' tkun ferm anqas, u l-unika mezz biex tassikura ruħha illi sew is-senjalazzjoni kif ukoll id-dwal li tkun poġġiet jibqgħu hemm u jiffuzjonaw, kien billi tħalli persuna għassa, anke matul il-lejl, ħaġa li evidentement m'għamlitx .

Jibqa' għalhekk sabiex jiġi determinat jekk tistax tiġi imputata xi ħtija fuq l-attur innifsu għal dak li ġara . L-attur jammetti illi kien qed isuq bil-50/55 k.f.s. fix-xita u kien ukoll xi ftit aljenat . Il-viżibilita' x'aktarx kienet ħażina ħafna

---

[15] Lilley v British Insulated Callenders Construction Co (1968), ikkwotata minn Charlesworth on Negligence, London 1997, para. 9 – 34 .

[16] Michael Balzan vs Lawrence Ciantar gia ċċitata .

għax kien ukoll riħ qawwi . Billi, kif qal hu stess, fi ftit iktar minn nofs siegħa mar minn Għajnsielem sax-Xlendi u lura, x'aktarx kien għaddej b'veloċita' akbar ukoll . Huwa minnu illi l-fanali ta' mal-*barriers* dak il-ħin kienu mitfija u s-senjalazzjoni ftit iktar 'l fuq fit-triq għal xi raġuni jew oħra kienet twarrbet, imma id-dwal tat-triq kienu mixgħula, u bi ftit iktar prudenza li messu uża fis-sewqan tiegħu f'dawk il-kondizzjonijiet atmosferiċi xejn sbieħ li sab ruħu fihom dik il-lejla, dan l-inċident seta' jiġi evitat jew ikollu konsegwenzi inqas serji . Lanqas ma jrid wieħed jinsa illi l-attur, bħala residenti tar-raħal fejn kienu qed jitwettqu dawn ix-xogħlijiet, li kienu ġia ilhom għaddejin ħmistax-il ġurnata, ma setgħax ma kienx jaf bihom . Infatti x-xhud Anthony Fenech, residenti wkoll Għajnsielem, minkejja li ma kienx hemm dwal mixgħulin mal-*barriers* x'ħin għadda mill-istess inħawi ftit qabel, għax ftakar li t-triq kienet magħluqa, qabad u kiser għal ġo Garden Street, mingħajr ebda konsegwenzi .

F'tali ċirkostanzi għalhekk issib illi l-attur ikkontribwixxa wkoll b'mod ugwali għal dan l-inċident bis-sewqan xi ftit jew wisq negliġenti tiegħu .

Għaldaqstant tikkonkludi dwar ir-responsabilita', billi ssib sew lill-attur kif ukoll lis-soċjeta' konvenuta ħatja ndaqs għall-akkadut . Għar-raġunijet hawn fuq elaborati, s-soċjeta' konvenuta kellha taċċerta ruħha illi, fil-ħinijiet kollha tal-ġurnata, ma jkun hemm ebda perikoli fit-triq għal kull min kien jeħtieġlu jgħaddi minn hemm, u l-attur, bin-nuqqas ta' prudenza fis-sewqan tiegħu, kkontribwixxa għal dak li ġara .

LIKWIDAZZJONI TA' DANNI

Irriżulta mir-rapport u affidavit tas-*surveyor* Charles Attard, li eżamina l-karozza ta' l-attur in segwitu għal dan l-inċident stradali, illi din tant ġarrbet ħsarat li ġiet dikjarata *beyond economic repair* . Ġie stabilit illi l-karozza kien ilha anqas minn sena fit-triq . Il-valur tagħha qabel l-inċident kien ta' bejn erbat elef u mitejn lira maltija (Lm4200) u erbat elef u ħames mitt lira maltija (Lm4500), u wara l-inċident ġiet tiswa biss tmien mija u ħamsin lira

maltija (Lm850).[17] Dan ma ġiex ikkontestat mill-konvenuti u l-Qorti lanqas ma ssib ebda raġuni għaliex m'għandhiex taċċettah bħala verosimili . Fil-fehma tagħha għalhekk id-danni kkaġunati lill-attur ilaħħqu : Lm4350 - Lm850 = Lm3500 . Billi l-attur ġie dikjarat responsabbli ugwalment mas-soċjeta' konvenuta għall-akkadut, huwa ripetibbli biss nofs dan l-ammont u ċioe' : Lm1750 .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut Victor Hili u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju,

1. Tiddikjara lill-attur u lis-soċjeta' konvenuta Road Construction Company Limited ugwalment responsabbli għall-inċident stradali deskritt fiċ-ċitazzjoni ;

2. Tillikwida d-danni kkaġunati fil-karozza ta' l-attur per konsegwenza ta' dan l-inċident fis-somma ta' tliet elf u ħames mitt lira maltija (Lm3500) ; u

3. Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lill-attur nofs dan l-ammont, u ċioe' s-somma ta' elf seba' mija u ħamsin lira maltija (Lm1750) .

L-ispejjeż għandhom jiġu ssoportati wkoll indaqs bejn l-attur u s-soċjeta' konvenuta .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[17] ara affidavit ta' Charles Attard u rapport anness a fol. 93 - 94 tal-process .